MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Numru 1052/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**

**V**

**ROSMAN BUSUTTIL**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ROSMAN BUSUTTIL** ta' wiehed w ghoxrin sena, bin Joseph u Rita nee Farrugia imwieled Pieta nhar il-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 1984, u li joghod 'Joeritt', Triq il-Kapuccini, Haz Zabbar, detentur ta' karta tal-identita numru 561784M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2005, ghal habta tat-tmienja ta' filghodu mill-fond 46, 'Eloesa', Triq Castaldi, Zabbar, ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin, bil-persuna u bil-lok ghad-dannu ta' Malcolm Pullicino.

Rat d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2005 markat bhala dokument CSH 2, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif verbalizzat minnu stess fis-seduta tas-sebgha ta' Dicembru 2005.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif verbalizzat fl-atti nhar s-sebgha ta' Dicembru 2005 u dan wara li gie moghti zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu, l-imputat insista li jirregistra l-ammissjoni tieghu u li ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza ta' serq aggravat izda mhux tal-akkuza ta' ricettazzjoni peress li din nghatat mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghal dik ta'serq.

Dwar il-piena:

Il-Qorti kkonsidrat is-segwenti:
1. l-ammissjoni bikrija tal-imputat kif registrata fl-atti fl-ewwel appuntament moghti lilu fil-presentata;
2. l-ko-operazzjoni totali tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni kif jirrizulta minn dak li gie verbalizzat mill-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tas-sebgha ta' Dicembru 2005 u minn qari tal-istqarrija tal-imputat esibita fl-atti bhala dokument CSH 3;
3. l-fatt li l-imputat ghamel tajjeb ghal hsarat sofferti mill-vittma Malcolm Pullicino u li l-istess Malcolm Pullicino iddikjara li ma kellux pretenzjonijiet ulterjuri kontra l-imputat tant li anke hafirlu ghal dak li ghamel fil-konfront tieghu;
4. Il-fatt li s-socjeta in generali ma sofriet ebda danni materjali ohra;
5. Il-fedina penali netta tal-imputat w ghalhekk jisthaqqlu li kkunsidrat bhala *a first time offender*;
6. Il-fatt li l-imputat ghandu mpjieg fiss u jiddispjacih ta' dak li ghamel.

F’dawn c-cirkostanzi l-Qorti ma thossx li l-imputat ghandu jinghata piena ta’ prigunerija u li d-disposizzjoni tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 hija aktar idonea.

**Il-Qorti, ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(c)(d), 267, 279, 280, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat ROSMAN BUSUTTIL hati tal-akkuzi ta’ serq aggravat kif ammess minnu u tiddikjara li tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta’ sentejn mill-lum.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza peress li din inghatat b’mod altermattiv ghal akkuza ta’ serq.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------